Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 16 ta' Gunju 2025**

**Distrett Valletta**
**Kaz nru. 3931/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Gabriel Micallef)**

**Versus**

**Floyd Carbonaro**
**(340190M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Floyd Carbonaro,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 340190M.

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, nhar il-11 ta' Mejju, 2023, kif ukoll fix-xhur ta' qabel dan, bhala l-persuna responsabbli mill-istabbiliment bl-isem 'Carmen Bar', sitwat gewwa Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta:

1. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (Art. 338(dd), Kap. 9).

2. Bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor (Art. 338(m), Kap. 9).

3. Fit- triq imsemmija jew f'post pubbliku iehor, haddem, gieghel jew halla lil min ihaddem *loudspeaker*, gramafon, amplifikatur, jew strument bhal dawn, ghamel

inkella gieghel jew halla li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li joqoghdu f'bini fil- qrib. (Art. 41(2), Kap. 10).

4. Fit-triq imsemmija semma jew daqq strument tal-muzika jew strument iehor li jaghmel hoss, jew ghanna, jew sabiex ibiegh fit-toroq, biegh, qassam jew xandar xi oggett, ghajjat fi triq, f'hanut jew f'lok pubbliku iehor, wara li gie mwissi biex ma jissoktax mid-detentur jew mill-persuna li tkun toqghod f'bini fil-qrib, ghal xi raguni tajba, jew wara li hekk imwissi mill-Pulizija. (Art. 41(1), Kap. 10).

5. Naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att dwar Servizzi tal-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenzja. (Art. 43(1)(b), Kap. 409).

6. Iggesta attivita' kummercjali minn xi post jew f'xi suq fil-berah f'xi lokalita', minghajr licenzja mill-awtorita' regolatorja w awtorizzazzjoni li twettaq dik l-attivita' mill-Kunsill Lokali. (Reg. 5(1), L.S. 441.04)

7. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Pierre Johan Kevin Bigot u b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il-persuna. (Art. 251A, Kap. 9).

F'kaz ta' htija l- Qorti hija gentilment mitluba biex tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-thassir jew l-iskwalifika milli jzomm jew jikseb xi *warrant*, licenzja, permess jew awtorita' ohra mahruga mill-Gvern jew xi awtorita' pubblika ohra. (Art. 30, Kap. 9).

Rat id-dokumenti kolha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-affidavit taghha PS 2344 Abigail La Ferla qalet, illi saru diversi rapporti bejn is-26 ta' Marzu 2023 u l-14 ta' Mejju 2023 minn Pierre Johan Kevin Bigot dwar muzika eccessiva gejja minn 'Carmen Bar'.

Illi fl-affidavit tieghu PS469 A. Genuis jghid illi fis-7 ta' Mejju 2023 kienet dahlet telefonata mill-*control room* fil-23:15 li kien hemm muzika gholja gejja minn 'Carmen Bar', b'hekk PC 2414 u PC 436 marru fuq il-post fejn kellmu lil Karl Giglio li wara rrizulta li kien sar rapport minn Pierre Bigot.

Illi fl-affidavit tiegħu PC 183 Matthias Dalli jgħid li fit-28 t'April 2023 għal ħabta tal-23:15 daħlet telefonata ġewwa l-għassa mill-*control room*, li kien hemm mużika qawwija ġejja minn 'Carmen Bar', u b'hekk kien mar flimkien ma' PC 421 fuq il-post fejn sabu li l-mużika kienet qiegħda tindaqq b'mod moderat. Tkellmu ma' Karl Giglio u qalulu biex ibaxxu l-mużika.

Illi fl-affidavit tagħha PS 2250 Amanda Bunce qalet li saru diversi rapporti minn Pierre Johan David Bigot bejn is-16 ta' Frar 2023 u is-7 ta' Mejju 2023 li kienet qed tindaqq mużika b'volum eċċessiv, li kienet ġejja minn 'Carmen Bar' fit-Triq id-Dejqa Valletta, u li hi kienet ħarġet akkuzi fuq kull rapport li kien daħal.

Illi fl-20 ta' Mejju 2024, xehed Pierre Johan Bigot fejn qal li hu kien għamel numru ta' rapporti l-għassa tal-Belt minħabba li kien ilu tlett snin jisma' storbju mid-dar tiegħu, ta' mużika tindaqq b'volum qawwi kważi kuljum li tkun ġejja minn 'Carmen Bar' li tinsab fit-Triq id-Dejqa, Valletta. Hu kien jirrapporta lill-Pulizija biex ibaxxu l-mużika wara l-11:00pm iżda ħafna drabi l-mużika tibqa' għaddejja anke wara s-1.00am. Hu qal li ma jiftakarx id-dati li fihom għamel ir-rapporti. Hu ma kienx kellem lil tal-bar għalkemm kien jaf li s-sidien kienu Floyd Carbonaro u Karl Giglio, imma kien iċempel lill-Pulizija, u ħafna drabi meta kienu jmorru l-Pulizija, l-istabbiilment kien ibaxxi l-mużika. Darba kien kellem lil Karl Giglio meta sħabu kienu heddewh, u kien mar il-Qorti biex jitolbuh skuża iżda ma kienx jaf min hu Floyd Carbonaro. Ix-xhud spjega illi r-residenza tiegħu hija appartament li qiegħda kantuniera bejn Triq Arċisqof u Triq id-Dejqa, li tiġi viċin 'Carmen Bar' u għandu tieqa li tagħti għal fuq Triq id-Dejqa u jkun jaf li l-mużika ġejja minn hemm. Għalkemm hemm stabbilimenti oħra li jdoqqu l-mużika fit-Triq id-Dejqa, dawn kienu aktar 'il bogħod u ma kienx jisma' l-mużika tagħhom.

Illi fis-17 ta' Marzu 2025 xehed Julian Vassallo li jaħdem fil-Kunsill Lokali Valletta li qal illi ma kienx hemm permessi f'isem Floyd Carbonaro min-naħa tal-Kunsill Lokali.

**Ikkunsidrat**

Illi x-xhud Pierre Johan Kevin Bigot, naqas milli jikkonferma d-dati ta' l-allegat akkadut mertu tal-kawża odjerna, kif ukoll illi mill-affidavits tal-

Pulizija jirrizulta illi l-istabbiliment in kwistjoni kien qed idoqq muzika moderata.

Illi mill-affidavits tal-Pulizija jirrizulta illi l-istabbiliment in kwistjoni f'diversi dati, dak il-hin kien qed jigi mmexxi minn Karl Giglio u l-imputat qatt ma gie mitkellem. Illi mill-affidavit tal-MTA u d-dokumenti annessi jirrizulta illi Karl Giglio huwa **registered substitute** fit-tmexxija ta' l-imsemmi 'Carmen Bar'.

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat Floyd Carbonaro **mhux hati** u tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**